# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1257/00**

**Numru 40**

**Valhmor Borg Import Export Limited**

**vs**

**Oliver Azzopardi**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' seba mija u erba u erbghin lira maltin u sittax il-centezmu (Lm744.16) rapprezentanti nkwantu ghall-Lm700 l-valur ta' kambjala mill-konvenut iffirmata u accettata li maturat ghall-hlas izda baqghet ma thallsitx u nkwantu ghal Lm44.16 l-prezz ta' konsenja ta' prodotti tal-ikel ghal-konsum lill-konvenut mibjugha u konsenjata, kif ukoll ihallas l-imghaxijiet legali dekorribli nkwantu fuq Lm700 mid-data tal-maturita tal-kambjala u fuq l-bilanc ta' Lm44.16 dekorribbli mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tas-17 ta' Settembru 1998, tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju u tal-ittra ufficjali ghall-sejha ta' depositu illi gew ntavolati mal-avviz. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-8 ta' Jannar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma komplessiva ta’ Lm744.16,0 bl-imghaxijiet legali fuq is-somma kollha mit-13 ta’ Settembru 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-17 ta’ Settembru 1998 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u tal-ittra ufficjali, it-tnejn tat-13 ta‘ Settembru 2000 u imsemmijin fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg

Avviz Nru 1257/00 JAB